# Kwadru tal-Lunzjata fil-Katidral ta' Għawdex.

*minn Mario Fenech*



Huwa fatt magħruf minn kulħadd, li fil-Knejjes ta' Malta u Għawdex hawn ġabra kbira ta' xogħlijiet artistiċi li huma attribwiti lil diversi artisti magħrufa, kemm Maltin kif ukoll barranin.

Insibu għadd kbir minn dawn ix-xogħlijiet esposti fil-Knejjes tagħna u xogħlijiet oħrajn li huma miġbura f'Awli Kapitulari, Mużewijiet, Sagristiji u bini ieħor li soltu jkun anness mal-Knisja. Fil-Katidral ta' Għawdex matul is-snin dawn ix-xogħlijiet ta' arti tant ikkumulaw li nħasset il-ħtieġa li dawn jinġabru f'mużew biex kulħadd ikun jista' jammira s-sbuħija tagħhom.

F'dan il-Mużew insibu grupp ta' seba' kwadri miġbura flimkien, li jġagħlek tieqaf u taħseb ftit dwar l-awturi ta' dawn il-kwadri u x-xeni li wieħed jara fihom.

Għalhekk dawn il-kwadri huma tista' tgħid simili u bl-istess xogħol ta' gwarniċi, studji li saru dwarhom jagħtuna ħjiel li dawn saru fi snin differenti, u li l-id li għamlithom mhix l-istess waħda.

Dawn ix-xogħlijiet imorru lura lejn is-seklu sittax u l-bidu tas-seklu sbattax, u huma ta' tliet artisti differenti. It-tliet kwadri ta' isfel juruna l-figura tal-Qaddisin San Pietru u San Pawl fil-waqt li fiċ-ċentru naraw kwadru li fih l-artist pinġa l-figura tal-Madonna bil-Bambin wieqaf f'ħoġorha. Fit-tliet kwadri tan-nofs naraw it-Tħabbira ta' l-Anġlu li hija ppreżentata bil-figura ta' l-Arkanġlu Gabriel fil-kwadru tan-naħa tax-xellug u l-figura tal-Madonna fil-Kwadru tan-naħa tal-lemin.Il-Kwadru tan-nofs jagħtina xena mimlija persunaġġi u moviment, bil-Madonna mdawra bl-Anġli tielgħa is-Sema u bl-Appostli fil-parti t'isfel tal-Kwadru. Fil-kwadru ta' fuq naraw l-Inkurunazzjoni tal-Madonna, xena sabiħa li tgħaqqad dan il-grupp ta' Kwadri b'xogħol xi ftit aħjar minn dak tal-Kwadri l-oħrajn. Dan il-Kwadru jidher li huwa l-aktar wieħed riċenti mis-sett kollu u forsi huwa ukoll l-aktar wieħed li għandu valur artistiku.

It-Trittiku tan-nofs huwa wieħed li jiġbor fih żewġ episodji importanti fil-ħajja tal-Verġni Mqaddsa, u hawn nistgħu ngħidu li għalkemm ix-xena tan-nofs hija xi ftit fqira mil-lat artistiku l-kwadri li juru t-tħabbira ta' l-Anġlu huma xi ftit aħjar fil-valur artistiku. Hemm min saħansitra li jgħid li l-awtur ta' dan ix-xogħol huwa l-istess wieħed li għamel il-Kwadru tal-Knisja ta' Bir Miftuħ. Dan ifisser li dan ix-xogħol jeħodna lura lejn nofs is-seklu sittax, u huwa kurjuż il-fatt kif dan l-artist kien irnexxa tant f'dan ix-xogħol li wara li ħadem f'Malta kien ġie msejjaħ biex jagħmel xogħol ieħor f'Għawdex, dejjem jekk dan ix-xoghol ma sarx f'Malta u ttieħed Għawdex wara.



It-Tħabbira ta' l-Arkanġlu Gabriel lil Marija ppreżentata f'dan is-sett ta' seba' Kwadri hija xhieda ta' kemm hija importanti din il-ġrajja fir-rakkont tal-Fidwa tal-Bniedem u għalhekk il-poplu ta' Ħal Tarxien għandu għax ikun kburi li għandu l-Knisja Parrokkjali tiegħu taħt il-ħarsien tal-Lunzjata.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.